## AVE MARIA

Tifkira tal-"*Lejl Imqaddes*", 28/29 ta' Mejju 1949
fl-okkażjoni tal-*Kongress Marjan f'Malta*

*Ta'* ĠUŻE' CHETCUTI

Ma ninsa qatt il-ferħ li ħassejt f'qalbi
f'dik il-lejla, Marija,
meta f'toroq ta' dwal rajthom għaddejja,
bla jaqtgħu, geġwiġija,

eluf, eluf ta' nies. Malta bi ħgarha
ħarġet w għannqitek magħha,
u ħalfet illi — hekk kif kont minn dejjem —
tibqa' għal dejjem tagħha.

* * *

Eluf ta' dwal. Stħajjilthom baħar wiesa'
mimli fjammi ta' nar:
Qatt ma niftakar f'ebda dehra oħra
isbaħ minn dak in-nhar.

Eluf ta' dwal. Stħajjilt f'kull dawl qed nara
tixgħel, kbira w qawwija,
ir-ruħ li taf ir-rabta ta' l-imħabba
bejn Malta u Marija.

* * *

Mit-tieqa ta' kamarti fejn kont qiegħed
stajt nisma' mewġ ta' għana
jimla l-ħemda li kienet iddawwarni,
ħiereġ minn qlub ferħana.

Hassejtni dak il-ħin nintilef f'ħolma
ta' ġmiel, ta' poeżija,
u f'qalbi, waħdi, ma' dawk l-ilħna mbiegħda,
għannejt, Ave Maria.

29. v. 49.



# Dun Ġwann Cachia

## STUDJUŻ MALTI TAS-SEKLU TMINTAX

*Studju ta'* G. CASSAR PULLICINO

*(Jaqbad mal-Għadd ta' Marzu, 1949)*

L-ittra *G* fil-Malti tagħti żewġ ħsejjes: wieħed ħelu bħal fil-kelmiet *gar*, vicino; *gemgha*, raccolta, *gmigha*, popolo; *golglien*, sesamo, eċċ. u l-ħoss l-ieħor, li għandu l-qawwa tal-*Gam* tal-Grieg, jinstema' l-iktar fil-kelmiet li ħadna mill-Puniku, e.g. *gamiem*, tortore; *ghemghim*, mormorazione; *ghidma*, morsicatura; *gudia* collina; *ghdiewi*, colline. L-ittra *H* deherlu li jekk ma jkunx wieħed Malti ħadd ma jasal biex biha jfisser l-ittra Għarbija li taqbel magħha. U lanqas ma jasal biex jagħżel *hemm*, post, minn *hemm*, gwaj u niket. Il-lum nistgħu ngħidu li hawn-hekk għadna fl-istess ilma għax sal-lum għadna ma niddivrenzjawx fil-kitba bejn dawn iż-żewġ tifsiriet tal-kelma *hemm*. Lanqas ma tista' bl-ittra *HH* stampata tagħti l-qawwa ta' l-ittri gutturali Għarbin li jaqblu għaliha.

Imma l-iktar li jisħaq fl-ittra li semmejna huwa fuq il-*għ*. Milli jidher De Soldanis ried juri dan il-ħoss billi jikteb żewġ ittri *a* b'sing bejniethom, jiġifieri *a-a*. Hekk, skond ir-regola oriġinali ta' De Soldanis, *kagħka* kien ikollha tinkiteb *ca-aca*, *għajn* kienet tiġi *a-ain*, u *a-arusa* flok *għarusa*. Din ma setax jaqbel magħha Cachia u għalhekk kiteb lil De Soldanis: "...... *mi do l'onore di dirle due AA seguite nel parlare e nel pronunciare le strascinano e non le aggiungono la forza gutturale della lettera* għajn, *che è quella che dona la grazia e lo spirito alla parola...... li non intelligenti della lingua la strascinano e non la pronunciano collo suo spirito, ma trovando la lettera* għajn *in mezzo, o nel principio della parola, subbito vengono in cognizione che vi è d'aggiongere qualche cosa, altrimenti si perde la buona pronuncia della parola. Inoltre così corre per tutte le altre parole dove entrano le lettere gutturali, ciò lo dico perchè l'ho osservato da Italiani, Francesi et altre nazioni, che hann'avuto il desiderio d'acquistare la lingua con simili regole ed in questa guisa li successe.*"

Minn dan li għedna jidher biċ-ċar li Dun Ġwann Cachia, li kien minn għalih, kien idaħħal karattri Għarbin biex bihom juri